

## NOTA TA' GWIDA 5

**Suġġett:** Formola għaċ-ċertifikazzjoni ta' attivitajiet, stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2009/959/UE) tal-14 ta' Diċembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/230/KE dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta mal-attivitajiet tat-trasport bit-triq

**Artikoli:** 11(3) u 13 tad-Direttiva 2006/22/KE

**Metodu li għandu jiġi segwit:** Il-formola taċ-ċertifikazzjoni ma għandhiex tintalab għal attivitajiet li jistgħu jiġu reġistrati bit-takografu. Is-sors ewlieni tal-informazzjoni fil-kontrolli tat-triq huwa r-reġistrazzjonijiet li jsiru bit-takografu, u n-nuqqas ta' reġistrazzjonijiet għandu jkun ġustifikat biss b'ċertifikazzjoni fejn ir-reġistrazzjonijiet tat-takografu, inkluż dawk imdaħħlin manwalment, ma kinux possibbli għal raġunijiet oġġettivi. Fl-eventwalitajiet kollha, is-sett sħiħ ta' reġistrazzjonijiet bit-takografu, li jiġu mal-formola, meta jkun meħtieġ, għandhom ikunu aċċettati bħala evidenza suffiċjenti sabiex tkun ippruvata l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew mal-Ftehim AETR (il-Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol tal-ekwipaġġi li jaħdmu fuq vetturi użati għat-trasport fuq it-toroq internazzjonali), sakemm ikun hemm sospett ġustifikat.

Iċ-ċertifikazzjoni tkopri ċerti attivitajiet matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 15(7)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, jiġifieri l-ġurnata kurrenti u t-28 ġurnata ta' qabel.

Iċ-ċertifikazzjoni tista' tintuża biss meta s-sewwieq jkun:

- ħareġ bil-liv għal raġunijiet ta' mard
- ħareġ bil-liv, li jiffirma parti mil-liv annwali skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn l-azzjenda hija stabbilita
- ħareġ bil-liv jew biex jistrieħ
- saq vettura oħra eżentata mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew tal-ftehim AETR
- għamel xogħol ieħor flok sewqan
- disponibbli

u meta ma jkunx possibbli li dawn l-attivitajiet ikunu rreġistrati mit-tagħmir tar-reġistrazzjoni.

Il-kaxxa "liv jew mistrieħ" tista' tintuża f'sitwazzjoni meta s-sewwieq ma jkunx involut f'xi forma ta' sewqan, f'xogħol ieħor jew ma jkunx disponibbli, ma jkunx ħareġ bil-liv għal raġunijiet ta' mard jew bil-liv annwali tiegħu, inkluż pereżempju każijiet ta' qgħad parzjali, strajks jew *lockouts*.

L-Istati Membri mhumiex marbutin li jeżiġu l-użu tal-formola fil-każijiet ta' nuqqas ta' reġistrazzjonijiet, imma jekk tintalab formola, din il-formola standardizzata għandha tkun rikonoxxuta valida. Madankollu, l-ebda formola ta' kwalunkwe tip ma għandha tintalab fir-rigward tal-perjodi ordinarji ta' mistrieħ ta' ġurnata jew ġimgħa.

Il-formoli elettroniċi u li jistgħu jiġu stampati, kif ukoll l-informazzjoni dwar l-Istati Membri li jaċċettaw biss din il-formola, huma disponibbli fuq:

[http://ec.europa.eu/transport/modes/road/social\\_provisions/driving\\_time/form\\_attestation\\_activities\\_en.htm](http://ec.europa.eu/transport/modes/road/social_provisions/driving_time/form_attestation_activities_en.htm)

Il-formola hija aċċettata fl-UE kollha fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE. Il-format standard hu faċli biex jinftiehem minħabba li s-sezzjonijiet li għandhom jimtlew huma numerati u mfissrin minn qabel. Fil-Ftehim AETR, hu rrakkomandat li wieħed juża l-formola maħruġa mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (<http://www.unece.org/trans/main/sc1/sc1.html>).

Is-sezzjonijiet kollha fil-formola għandhom jimtlew b'kitba ttajpjata. Biex tkun valida, il-formola għandha tkun iffirmata mir-rappreżentant tal-kumpanija u kif ukoll mis-sewwieq qabel il-vjaġġ. Għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom, is-sewwieq jiffirma darba bħala r-rappreżentant tal-kumpanija u darba bħala s-sewwieq.

Il-formola oriġinali iffirmata biss hija valida. It-test tal-formola ma jistax ikun immodifikat. Il-formola ma tistax tkun iffirmata minn qabel jew immodifikata minn dikjarazzjonijiet miktuba bl-idejn. Jekk ikun legalment possibbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tista' tiġi aċċettata feks tal-formola jew kopja

***LEĠIŻLAZZJONI SOĊJALI MARBUTA MAL-ATTIVITAJIET TAT-TRASPORT BIT-TRIQ  
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, Id-Direttiva 2006/22/KE, Ir-Regolament (KEE)  
Nru 3821/85***

diġitali tal-istess formola.

Il-formola tista' tiġi stampata fuq karta li għandha l-logo tal-kumpanija u dettalji tal-kuntatt, iżda s-sezzjonijiet li fihom hemm l-informazzjoni tal-kumpanija għandhom jimtlew ukoll.